# L-AKKADEMJA TAL-MALTI (1920)

LINGUA CONCORDI DOMI FORISQUE DECOR

Kaxxa Postali 145, il-Belt VLT 1000 www.akkademjatalmalti.com

## Il-Laqgħa Ġenerali ta' nhar is-Sibt, 15 ta' Settembru 2007

Nhar il-15 ta' Settembru 2007 saret il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja fis-Sala Robert Samut, il-Furjana, fid-9.00 a.m. u nħatar Kunsill ġdid għas-sentejn li ġejjin.

Is-Sur Anton Agius Muscat inħatar President ġdid. Il-membri l-oħra nominati kienu s-Sinjuri: David Agius Muscat, Clare Azzopardi, Joseph P. Borg, Saviour Camilleri, George Farrugia, Sergio Grech, Inġ. Maurice Mifsud Bonnici, Nikol Vassallo, Olvin Vella u Claire Zerafa. Billi n-numru tal-membri nominati kien skond kif jitlob l-istatut, ma kienx hemm ħtieġa ta' elezzjoni.

## Ikla f'ġieħ Kilin



Nhar l-20 ta' Awwissu 2007 Kilin għalaq 90 sena. Fis-17 ta' Awwissu l-Akkademja organizzat ikla f'ġieħu fir-ristorant Al Mare, il-Belt. Mal-membri ta' l-Akkademja ngħaqdu wlied Kilin u żwieġhom.

Kilin, l-awtur ta' kotba sbieħ bħal Fuq *il-Għajn ta' San Bastjan*, *L-Għafrid* u *Tinsiex, Publius, Tinsiex!* ingħatatlu tifkira speċjali mill-Akkademja.
*Ad multos annos.*

## Riċerka importanti fuq l-Akkademja tal-Malti minn David Agius Muscat

David Agius Muscat ippreżenta liċ-Ċentru tat-Teknoloġija u l-Komunikazzjoni ta' l-Università ta' Malta t-teżina *Il-Librerija u l-Arkivju ta' L-Akkademja tal-Malti*. Dan ix-xogħol għamlu bħala parti mill-kors għall-grad ta' Diploma fl-Istudji tal-Libreriji u ta' l-Informazzjoni. Agius Muscat wera kif kibru l-librerija u l-arkivju ta' l-Akkademja tal-Malti mit-twaqqif tagħha sal-lum u tefa' l-ewwel dawl fuq l-istorja tad-Dar ta' l-Akkademja fejn jinsabu d-dokumenti u l-kotba. It-teżina tinkludi wkoll katalgu tal-kollezzjoni tal-*Melitensia* li tinsab fil-librerija u toffri suġġerimenti biex kemm l-arkivju kif ukoll il-librerija jkunu mħarsa kif jixraq.

## Il-Malti

*Il-Malti* għas-sena 2007 qiegħed fl-istampa. L-editur il-ġdid ta' *Il-Malti* huwa s-Sur Anton Agius Muscat flimkien ma' David Agius Muscat, Joseph P. Borg, Bernard Micallef, Trevor Żahra u Claire Zerafa. Il-membri huma mistednin jibagħtu l-kitbiet tagħhom biex jarahom il-bord editorjali għall-ħarġa letterarja mhux aktar tard mit-30 ta' April 2008 fil-kaxxa postali ta' l-Akkademja jew fl-indirizz ta' l-editur: 64, Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan STJ 1081.

Il-membri li jixtiequ jieħdu sehem f'*Il-Malti* 2009 dedikat għal kitba akkademika nistednuhom jibagħtu l-kitba biex jaraha l-bord editorjali sat-30 ta' Settembru 2008. Il-bord editorjali tal-ħarġa akkademika huwa magħmul minn Anton Agius Muscat (editur), David Agius Muscat, Joseph P. Borg u Olvin Vella. Sabiex *Il-Malti* joħroġ fil-ħin, jeħtieġ li nżommu mad-dati magħżula. Huwa importanti li l-kontributuri jimxu ma' l-istil ta' dokumentazzjoni mfassal mill-MLA *(The Modern Language Association of America – www.mla.org)*. Għal aktar tagħrif araw *ir-recto* tal-qoxra ta' ġewwa ta' *Il-Malti*.

## Il-Kunsill il-Ġdid (2007-2009)

**President**
Anton Agius Muscat
**Viċi President**
George Farrugia
**Segretarju**
Olvin Vella
**Teżorier**
David Agius Muscat
**Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi**
Sergio Grech
**Assistent Teżorier u Arkivista**
Joseph P. Borg
**Assistent Segretarju**
Saviour Camilleri
**Membri**
Nikol Vassallo
Claire Zerafa
Inġ. Maurice Mifsud Bonnici
Clare Azzopardi



## Karmenu Ellul Galea

Karmenu Ellul Galea twieled fl-10 ta' Novembru 1914. Kofundatur u segretarju ta' *l-Għaqda tal-Malti (Tarzna)*, ix-xogħlijiet letterarji tiegħu jinsabu mferrxa f'għadd ta' rivisti, fosthom *Il-Pronostku Malti* u *Il-Malti*. Il-poeżiji tiegħu, fil-biċċa l-kbira magħġuna u ambjentati fid-dinja tax-xogħol, jinsabu miġburin fil-ktieb *Twemmini*. Huwa wkoll l-awtur ta' għadd ta' innijiet u poeżiji Marjani.

Kiteb novelli, esejs u leġġendi. Fost il-kotba ta' riċerka li ppubblika nsibu l-erba' volumi *It-Trejdunjoniżmu f'Malta*, *L-Istorja tat-Tarzna* u *Pijunieri tas-Sigurtà Soċjali*.

Fl-1999 Ellul Galea rebaħ il-Premju Letterarju għar-Riċerka. Huwa miet nhar id-29 ta' Jannar 2007.



## Mario Serracino Inglott (1934-2007)

Mario Serracino Inglott twieled fl-4 ta' Novembru 1934. Mario jibqa' mfakkar għat-tkomplija tal-*Miklem Malti* li kien beda missieru Erin. Xogħol popolari ta' MSI huwa *Id-Dizzjunarju Malti u teżawru ta' Malti mħaddem*.

Mario twieled Bormla u studja fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi u l-Liċeo. Issokta l-istudji tiegħu f'Oxford u Londra minn fejn iggradwa BA (Econ.), RCA u WSA (Harrow).

Mario ħadem bħala skrivan mad-Dockyard u aktar tard bħala impjegat maċ-Ċivil. Fl-1963 ħadem fil-Malta House f'Londra u fis-snin sebgħin kien fid-Dipartiment ta' l-Industrija u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni bħala uffiċjal amministrattiv sakemm irtira fl-1985.

Għal numru ta' snin kien ukoll għalliem tal-Malti fil-Kulleġġ ta' Stella Maris. Mario kien Viċi-President ta' l-Akkademja tal-Malti.

## Imsieħba ġodda fl-Akkademja tal-Malti

Is-Sinjuri Saviour Camilleri, Godwin Cini, Michael Cini, Lawrence Deguara, Joe Mizzi u Claire Zerafa



## Pawlu Galea Curmi

Pawlu Galea Curmi twieled il-Belt fl-1930. Pawlu daħal jaħdem maċ-Ċivil ta' tmintax-il sena u tista' tgħid ħadem ħajtu kollha fil-qasam ta' l-edukazzjoni, l-aktar fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Għal xi snin kien ukoll uffiċjal tal-finanzi fl-Università. Temm il-karriera tiegħu bħala Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u rtira bl-età fl-1991.

Pawlu ta kontribut fit-traduzzjonijiet ta' dokumenti u ta' kotba reliġjużi, bħalma hija t-traduzzjoni tal-ktieb *My Daily Bread – Ħobżna ta' Kuljum* – li ftit snin ilu reġa' ġie ppubblikat bil-Malti mil-Librerija Preca; kif ukoll il-ktieb *It-Triq ta' l-Imħabba ta' Alla*, ta' Josefa Menendez.

Qaleb ukoll kotba mill-Malti għall-Ingliż. L-akbar xogħol tiegħu f'dan il-qasam hu t-traduzzjoni tad-dokumenti kollha tas-Sinodu Djoċesan (1999-2003) – disa' kotba b'kollox – li huma l-aktar dokumenti importanti tal-Knisja f'Malta f'dawn l-aħħar snin.

Pawlu Galea Curmi miet nhar is-6 ta' Marzu 2007.

Rev. Joe Galea Curmi

## Dr Ġorġ Mifsud-Chircop

Dr Ġorġ Mifsud-Chircop twieled nhar it-28 ta' Ġunju 1951. Huwa studja l-Kulleġġ ta' San Alwiġi u l-Università minn fejn iggradwa BA bl-Unuri. Huwa speċjalizza fit-teorija u l-prattika tal-folklor u bir-riċerka tiegħu *Type Index of the Maltese Folktale within the Mediterranean Tradition Area* rebaħ il-Premju Karmen Mikallef Buħaġar għall-aħjar teżi ta' l-MA fl-1978. Huwa kiseb id-Dottorat tiegħu mill-Università ta' Malta fl-2001 b'teżi oħra dwar il-ħrejjef Maltin, jisimha *The Maltese Heroic Fairytale*.

Dr Mifsud-Chircop kien jgħallem il-Junior College u l-Università. Xandar għadd kbir ta' programmi b'rabta mal-Malti u l-folklor. Ħadem bla heda biex l-għana u l-ħrejjef isiru aktar popolari fost it-tfal u l-adulti. Huwa ppubblika u editja għadd kbir ta' kotba, fosthom *Il-Leġġendi ta' Ġużè Delia* (1978), *Il-Qawl*

# Il-President il-Ġdid

Anton Agius Muscat twieled fid-19 ta' April 1931 il-Ħamrun u studja l-Liċeo, is-St Michael's Training College u f'St Mary University College ta' Twickenhan, l-Ingilterra. Fl-1950 beda jgħallem mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Fl-1960 laħaq assistent-kap u fl-1970 inħatar kap ta' skola. Irtira mis-servizz fl-1992.

Ħadem fi ħdan il-Moviment tal-Malti u l-Għaqda Letterarja Maltija. Ħa ħsieb jippreżenta diversi programmi letterarji fiż-żewġ għaqdiet.

Laqgħuh membru ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1960. Għal snin twal qeda fil-kunsill kemm bħala Segretarju Relazzjonijiet Pubbliċi kif ukoll bħala Teżorier u Viċi-President.

F'isem L-Akkademja tal-Malti organizza u mexxa erbatax-il programm televiżiv



fl-1980/81 bl-isem *Ħarsa mill-Qrib*, li fihom it-telespettatur iltaqa' ma' kittieba anzjani.

Fl-1982 Karmenu Vassallo ddeskrivieh bħala "kontributur ħawtiel u lieżem fil-qasam ġurnalistiku Malti, b'ħemel ta' kitba bl-Ingliż u bil-Malti ta' qatgħa u xejra kulturali/edukattiva/soċjali.

# Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb (2007)

**L-Akkademja tal-Malti tifraħ lill-kittieba rebbieħa u lil dawk kollha li ħadu sehem fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Nifirħu lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għall-prestiġju li qed jingħata lill-ktieb Malti u nixtiequ nfissru l-apprezzament tagħna lill-awtoritajiet li għoġobhom jorganizzaw iċ-ċerimonja f'Kastilja, il-Belt.**

*Iqul* (1989), *Il-Praspar Miktuba minn Dun Xand Cortis* (1991), *Manwel Magri – Ħrejjef Missirijietna* (1994), *L-Għana Malti – Bibljografija u Materjal ieħor għar-Riċerka* (1999), u ż-żewġ volumi fil-Kullana Kulturali tal-PIN, *Il-Folklor Malti* (2003). Kien koeditur ta' *Mis-Sillabu* (1984-86) u *Analiżi* (1987-1995), żewġ rivisti importanti għall-istudenti tal-Matrikola tal-Malti. Bosta studji tiegħu jinsabu fil-*Journal of Maltese Studies*, f'*Leħen il-Malti* u *Il-Malti*.

Dr Ġorġ Mifsud-Chircop inħatar President ta' l-Għaqda ta' l-Għalliema tal-Malti fl-1999. Matul dal-perjodu kiteb *Il-Kultura Maltija – Il-Perspettiva Ħajja u Kontemporanja* (2001). Miet nhar id-19 ta' Diċembru 2007. B'memorja tiegħu, martu u wliedu waqqfu fond fl-Università ta' Malta biex perjodikament issir taħdita pubblika fuq il-folklor Malti. Id-donazzjonijiet għandhom jaslu f'dan l-indirizz: *Fond għat-Taħdita Ġorġ Mifsud-Chircop, l-Uffiċċju tal-Finanzi, l-Università ta' Malta, l-Imsida.*



### Karmen Mikallef Buħaġar (1922 -2005)

Karmen tibqa' magħrufa bħala benefattriċi kbira kemm tal-kittieba Maltin kif ukoll ta' l-għaqdiet tal-Malti. L-akbar kontribut tagħha jibqa' marbut ma' Dun Karm li hi saret taf bis-saħħa ta' Ivo Muscat Azzopardi u x-Xirka Tixrid Qari Malti u Propoganda ta' Lixandra. Mill-1940 sa mewtu fl-1961 baqgħet f'kuntatt mal-poeta nazzjonali bil-korrispondenza, illum miġbura f'*L-Ittri ta' Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar* (1997).

Karmen Mikallef Buħaġar twieldet Lixandra fit-3 t'April 1922. Tgħallmet fl-iskola San Vinċenz ta' Pawla fejn tħarrġet u kkwalifikat bħala infermiera. Ħadmet fi sptar Franċiż f'Lixandra sakemm kellha tħalli l-Eġittu mal-familja tagħha wara l-kriżi tal-Kanal tas-Suez fl-1956. Għexet il-bqija ta' ħajjitha f'Londra.

Karmen ħadmet b'ħila u b'żelu biex it-tifkira ta' Dun Karm ma tmut qatt u bdiet iżżur Malta b'mod regolari minn Ottubru 1971 biex tqimu. Tul is-snin ħadet ħsieb ir-restawr tal-qabar tiegħu u kienet tqiegħed kuruni mad-dar fejn twieled il-poeta f'Ħaż-Żebbuġ u mal-monumenti tiegħu f'raħal twelidu u l-Belt, fil-Biblijoteka Nazzjonali.

F'Ottubru 1965, bil-għajnuna ta' Ġużè Cardona, ħadet ħsieb twaħħal irħama kommemorattiva mad-dar fejn twieled il-poeta f'Ħaż-Żebbuġ u oħra s-sena ta' wara mad-dar fejn kien joqgħod Tas-Sliema. Waħħlet lapidi oħra mas-Seminarju fejn tgħallem u għallem Dun Karm (illum il-Kurja), mad-dar fejn għex bejn l-1910 u l-1936 fi Triq l-Ifran, il-Belt u ma' l-isptar tal-Blue Sisters, fejn miet. Fuq l-inizjativa tagħha, il-Professur Oliver Friggieri ġabar il-poeżiji kollha fi ktieb wieħed stampat mill-Klabb Kotba Maltin, *Dun Karm: Poeżiji Miġbura* (1979).

Karmen ħasbet ukoll f'dawk li ħadmu għal ilsienna u l-letteratura tagħna: fix-Xagħra, Għawdex, fakkret lil Laurent Ropa b'lapida u fl-1971 ikkummissjonat irħama għal-librerija ta' l-Università biex tfakkar lil Rużar Briffa u lil Ġużè Bonnici bħala l-fundaturi ta' l-Għaqda tal-Malti (Università). Fl-Università ta' Malta nsibu wkoll il-lapida f'ġieħ Mikiel Anton Vassalli li saret bl-inizjattiva tagħha fl-1983. Fakkret mill-ġdid lil Ġużè Bonnici, b'lapida li twaħħlet mad-dar fejn kien joqgħod f'Tas-Sliema mill-1929 sa l-1934 – ir-rumanzier li ħa ħsieb jistampa minn butu *L-Għana ta' Dun Karm.*

Fl-1976 Karmen nidiet il-Konferenza Dun Karm fl-Università u kienet hi wkoll li bi flusha ħeġġet biex jitwaqqaf il-monument nazzjonali tiegħu fil-Furjana. B'rikonoxximent għall-ħidmiet tagħha b'risq il-letteratura Maltija ġiet maħtura Dama ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm.

Karmen mietet nhar it-23 ta' Jannar 2005 fl-età ta' 83 sena. L-eżempju tagħha għandu jkun biżżejjed biex ngħożżu dak kollu li jagħmilna Maltin.

J.P. Borg



# Lejla Mużiko-Letterarja f'Għawdex



Nhar is-7 ta' Lulju 2007, l-Akkademja tal-Malti flimkien mal-Ministeru għal Għawdex organizzaw lejla mużiko-letterarja fil-Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat. Is-Sur Charles Abela Mizzi qara poeżiji ta' kittieba Għawdxin magħrufa u awturi kontemporanji qraw xogħlijiethom. Is-Sur Patrick Sammut għamel kummentarju dwar dawn ix-xogħlijiet. L-attività kienet patronizzata mill-Onor. Giovanna Debono M.P. Is-Sopran Marouska Attard u Mro Stephen Attard interpretaw xogħlijiet ta' Francesco Paolo Tosti u Charles Camilleri. Niżżuħajr lil Charles Bezzina ta' l-għajnuna.

# Ġużè Bonnici – 100 sena minn twelidu






L-Akkademja tal-Malti ssellem lil Ġużè Bonnici (1907-1940) f'għeluq il-mitt sena minn twelidu u tifraħ lill-Għaqda tal-Malti – Università li ħadet ħsieb tiġbor u tippubblika n-novelli tiegħu. L-Akkademja ħadet sehem fil-korteo li sar fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata nhar l-14 ta' Awwissu 2007.

# Kotba li waslulna

Fix-xhur li għaddew waslulna dawn il-kotba għal-librerija ta' l-Akkademja:

*Sa ma jasal Godot*, Samuel Beckett, (traduzzjoni ta' Tony Aquilina),

APS, Fond għall-Kittieba tal-Malti, Malta, 2006

*Mill-Blat Insawwar Ħolma – Poeżiji 1992 – 2004*, Ġorġ Borg, PEG, Malta, 2005

*Kelinu Vella Haber – Ħidmietu u l-Moviment tal-Malti*, Paul P. Borg

*Viator Errans – il-poeżiji ta' Sir George Borg* (ed. Joseph P. Borg), Malta, 2006

*Bil-Varloppa – Poeżija 1985-2005*, Louis Briffa, PEG, Malta, 2006

*Pawlu Redux*, Oreste Calleja, Malta, 1999

*Il-Waħx ta' Marsaxlokk u Stejjer Oħra*, Paul J. Debono, Wise Owl, Malta, 2006
*O Għatx Imkebbes Fjamma –*

*Lirika mill-Ermitaġġ 1996-2005*, Joe P. Galea, PEG, Malta, 2007

*Miexi Lejn id-Dawl – Ġabra ta' Tifkiriet Personali*, Joseph M. Ghigo, APS, Fond għall-Kittieba tal-Malti, 2006

*L-Għanja taċ-Ċinju – Poeżiji*, George Mercieca, BCD Printing, Għawdex, 2006

*Mill-Bikri għall-Imwaħħar*, Maurice Mifsud Bonnici, PEG, Malta, 1996

*Kassjopea*, Maurice Mifsud Bonnici, PEG, Malta, 2006

*Il-Ħares taz-Ziju Daddu u novelli oħra*, Maurice Mifsud Bonnici (PEG 2007)

*L-Għanja tal-Limerikki – intaffu d-dwejjaq*, Maurice Mifsud Bonnici (PEG 2007)